**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 ta' Gunju 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Ramazi Ashordia**

**Giorgi Bujiashvili**

**Gela Kharazishvili**

**Gabriel Jabushanuri**

**Kump 566/2018**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Ramazi Ashordia** detentur tal-passaport Georgjan bin-numru 15BB39888; **Giorgi Bujiashvili** detentur tal-passaport Georgjan bin-numru 17AB82938; **Gela Kharazishvili** detentur tal-passaport

Georgjan bin-numru 17AA66005; u **Gabriel Jabushanuri** detentur tal-passaport Georgjan bin-numru 17AA90613, fejn gew akkuzati talli;

1. Fit-30 t' Awwissu 2018 u fil-granet u/jew xhur ta' qabel**,** f'dawn il-gzejjer ippromovew, ikkostitwixxaw, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar. *Art 83A (1)(a) Kap 9*

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi waqt li kienu jafu jew kellhom kawza ragonevoli li jissuspettaw dwar l-ghan jew l-attivita b'mod generali tal-ghaqda stabbilita ghall-finijiet msemmija fl-akkuza ta' qabel din ippartecipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-ghaqda. *Art 83A (1)(b) Kap 9*

3. U aktar talli appartjenew ghall-ghaqda msemmija fl-akkuzi ta' qabel din. *Art 83A (2) Kap 9*

4. U aktar talli fl-istess perjodu, postijiet u cirkostanzi xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta. Art 334 Kap 9

**Lil Ramazi Ashordia u Giorgi Bujiashvili wahidhom nakkuzawhom illi fid-29 ta' Awwissu 2018, ghall-habta ta' bejn il-12:00hrs u 13:30hrs minn gewwa ir-residenza bin-numru 26 bl-isem ta' Edera Triq Balaguer gewwa Hal Balzan**

5. Ikkommettew serq ta' gojjelerija, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (€2,329.37), bil-mezz, lok u dan ghad-detriment tal-familja Chetcuti u/jew persuna jew persuni ohra; *Art 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b), 263(a), 267, 269(g),Kap 9*

**Lil Giorgi Bujiashvili wahdu nakkuzawh illi fis-27 ta' Awwissu 2018, ghall-habta ta' bejn il-08:00hrs u 10:00hrs minn gewwa l-appartament bin-numru 5 fil-blokka bl-isem ta' Summer Season li jinsab fi Triq Parades San Pawl il-Bahar**

6. Ikkommetta serq ta' apparat elettroniku u gojjelerija, liema serq huwa ikkwalifikat bl-ammont li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (€2,329.37), bil-mezz, lok u dan ghad-detriment ta' Margot Doris u/jew persuna jew persuni ohra; *Art 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), Kap 9*

Lil **Gabriel Jabushanuri wahdu nakkuzawh illi fit-30 t'Awwissu 2018, u fil-granet u xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer**

*7.* B' xi mod, xjentement ghen jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt ta serq aggravat minn gewwa diversi residenzi kien gie ppreparat jew ikkunsmat. *Art 42(c) Kap 9*

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali tat-2 ta` Marzu 2020 (ara folio 1145) u l-kunsens ta` l-imputati, sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju, moghti fl-udjenza tad-9 ta` Marzu 2020 (ara folio 1147);

Rat l-atti voluminuzi u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghhom u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kienu inghataw z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputati iddikjaraw li kellhom bizzejjed zmien biex jergghu jirrikonsidraw u li fehmu sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u li fehmu wkoll li l-ammissjoni taghhom, kif fehmithom din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti u l-provi mressqa in sostenn ta` l-imputazzjonijiet dedotti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghhom.

**Ikkundisrat;**

Illi fil-qosor, dak li rrizulta f'dan il-kaz kien is-segwenti.

Fuq telefonata anonima, nhar id-29 ta` Awwissu 2018, il-Pulizija bdew jinvestigaw serqa minn residenza 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan. Dahlet ukoll informazzjoni dwar vettura JQZ 473 li allegatament kienet qed tintuza mill-hallelin. L-investigazzjonijiet dahlu fid-dettal, u giet identifikata vettura ohra DBK 629. Il-Pulizija, fl-istess jum, wara nofs inhar, osservaw din il-vettura u malli resqet persuna lejha u dahlet fiha, din il-persuna giet arrestata. Gew intensifikati l-investigazzjonijiet u l-Pulizija waslet ghall-identifikazzjoni ta` blokk ta` appartamenti "Solarei Flats", gewwa Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, precizament flats 13 u 20. F'dawn l-appartamenti kien hemm diversi sodod u anke saqqijiet ma l-art. Meta l-Pulizija dahlet f'dawn l-appartamenti, fil-Flat 13 sabu tlett irgiel – Ramazi Ashordia, Giorgi Bujiashvili u Gela Karazishvili - u fil-Flat 20 sabet lil Gia Umezkashvili, Vaza Matzonatze, Giam Kershivili, Amiran Gebreshivili, Gabriel Jabashanuri, , Bega Matzonatze, Tamaz Makaldatze u Goca Matzonzdze, ilkoll ta` nazzjonalita` Georgiana. Naturalment dawn il-persuni gew arrestati u minn tfittxija nstabu diversi oggetti konnessi mas-serq ossia oggetti allegatament misruqa, inkluz deheb, gizirajjen, cappetti, arloggi u oggetti ohra bhal laptop u headphones. Instabu wkoll xi ghodod.

Mill-investigazzjonijiet irrizulta li dawn il-persuni, jew il-maggior parti taghhom, kienu lkoll jghixu f'dan il-blokk ta` appartamenti, u jidher ukoll li kienu jaghmlu xi xoghol fil-kostruzzjoni. Izda rrizulta wkoll li l-imputati, possibilment ma ohrajn, kienu jagixxu id f'id, flimkien, sabiex jaghmlu serqiet madwar Malta.

Minn naha tal-pulizija sar ezercizzju biex jigu identifikati l-oggetti u minn fejn setghu kienu insterqu. Minn rapporti li kienu saru, kienu gew identifikati 14-il serqa, u l-vittmi bdew jidentifikaw l-oggetti taghhom li kienu gew misruqa wara li kienu gew murija r-ritratti tal-oggetti misjuba. L-aktar serqa ricenti kienet dik li sehhet minn gewwa residenza 26 Edera Triq Balaguer Hal Balzan, fid-29 t'Awwissu 2018. Serqa ohra kienet saret minn residenza Summer Season Flat 5 Triq Parades San Pawl li giet irrapurtata fis-27 t' Awwissu 2018. Serqa ohra minn residenza 98 Mirabell Triq id-Dawr Mosta li giet irrapurtata fis-27 t' Awwissu 2018. Serqa ohra

minn residenza 11 Aurora Triq Raffael Caruana Dingli Mosta li giet irrapurtata fl-24 t' Awwisu 2018. Serqa ohra minn flat 4 Blue Lagoon Apartments, Triq il-Mazzola San Pawl li giet irrapurtata fit-23 t' Awwissu 2018. Serqa minn residenza Blokk B2 flat 6 Qasam ta Penellu Mellieha li giet rappurtata fl-20 t Awwissu 2018. Serq ta' wallet minn gewwa l-Belt li gie rrapurtat dakinhar stess fit-12 t` Awwissu 2018. Serqa minn residenza fil-Mellieha 44 Triq il-Qortin Mellieha li giet rrapurtata fil-11 t'Awwissu 2018. Serq ta' mobile phone minn gewwa stabbiliment The Mix San Pawl il-Bahar li giet rrapurtata fl-10 t Awwissu 2018. Saret ukoll serqa minn gewwa residenza Hal Luqa 46 Glossy Triq Hal Qormi li giet irrapurtata fis-6 t'Awwssu 2018. Serqa ohra minn 58 Triq il-Luq Zabbar fit-23 ta' Lulju 2018. Serqa minn 47 Flat 3 Plajjet Bognor San Pawl il-Bahar li giet irrapurtata fit-2 ta' Lulju 2018. U serqa minn residenza Joslin Penthouse no.2 Triq J.Quintinus San Pawl il-Bahar irrapurtata lill-pulizija fis-26 t'Awwissu 2018.

A bazi ta` dawn ir-rizultanzi processwali u bil-konferma ta` l-ammissjoni taghhom, l-imputati kollha gew passabbli ghar-reati kollha addebitati, hlief ghar-reat ta` ricettazzjoni kif migjub fl-imputazzjoni numru (4), stante li dan l-imputazzjoni inghatat bhala wahda alternattiva ghall-imputazzjoni tas-serq.

**KONKLUZJONI;**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 23, 23B, 23C, 31, 42(C), 43, 83A(1)(A)(B)(2), 261(A)(B)(C)(E), 262(1)(B), 263(A), 264, 265, 266, 267, 269(G), 276, 277, 278, 279(A)(B), 280, 281, 334, 383, 384, 385, 532A U 533 TAL-KAP.9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, issib lill-imputati, fuq ammissjoni taghhom stess, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom, hlief ghall-imputazzjoni numru (4) li minnha qed jigu lliberati skond il-ligi, u tikkundannahom, kull wiehed, ghall-piena ta' erba (4) snin prigunerija.**

**In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lill-hatja ihallsu l-ispejjez, f'ishma indaqs, lir-Registratur skond il-Ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur